# IL BON PASTUR

**KARI MALTI TA CULL XAHR**

**Ghal moghdia ta 'z-zmien fil gid tar-ruh**

IMBIERECH MILL PAPA LEONE XIII.

*Jen ir-raghai tajieb: u 'naghraf in-naghgiet tighi u 'n-naghgiet tighi iagharfu lili.*
G. C. (*Ev. S Joan:*) c. X.

*Pietati, religioni et christianae disciplinae promovendae operam navatis ..iApostolicam Benedictionem, auspicem coelestium gratiarum Omnibus pro quibus postulastis.*

*Ittra tal Papa Leone XIII lid-direzioni tal B. Pastur,* 11 Giugnu 1881 muetka b' ohra tal 25 ta Ottubru 1884

*Min irid jissicheb* ihallas Hames soldi cull sitt xuhur u ghal barra min Malta bill postag: il klieh imur ghal bosta operi taiba ta paijsna.

It-Disa Sena 1887 Nu. 3 Marzu


## CASI LI MA UMIEX CASI.

Fl' *Unità Cattolica* conna kraina illi f' Lugliu 1885 f' Modena chien emm opera f' it-Teatru fein ureu il Madonna ta 'd-Duluri. F' dakka uahda il primadonna li chienet taghmel din il parti hasset ugieh tant cbir illi ma setghetc tcompli l' opra u chellom jillicenziau lill cullhatt. Bosta min-nies iseihulom *casi,* imma ahna inseihulom l'id t'Alla!—U nhar il hatt 25 ta Meiju 1884? F' Verona fit-Teatru Diurno il Compagnia Drammatica chienet keghda turi opera hazina u tal biza imsemmia " *Il misterj ta l' Infern.* Figha chienet mdiehka il fidi fuk l' infern u 'l Cmandamenti tal Cnisia. Chien *protagionista* igifieri *attur principali,* certu Sabbatini, ta 20 sena, u ghal t..parsi nhar ta gimgha, fuk meida chien jecol ras ta fellus mixui u bil forchetta f'idu, beda igheid lill min chien jara l'opera: *Il buon odor di arrosto!* Minnu fih *colp apopleticu* hallieh meijet. U daun *casi!* Iva daun casi illi jippermettiom Alla biex ighallemna illi ghandna nistmau ir-religion u 'l virtù ta nsara li ahna! In-nies ta kbilna chienu jistmau il gimgha ghaliex figha

miet Gesù Cristu, chienu ighozzu ir-Randan ghaliex zmien il peniten:a; u issa fi-zmienna min dan ma jitfettex xejn. Cull tant ghalecch jecch xi mseichen, forsi bla ħtia, iservi ta esempiu, ghandna b' dan niftħu ghaineina biex ma jigiux fukna *casi* min din ix-xorta: Combinazioni! igheidlech x' eħatt, u aħna inuegbuħ: Jecch uma *combinazioniet u casi* izda ħatt ma irid li jigiu fukom daun il provi, nkeisu ghalecch illi nitħeijeu biex ma icun katt li igiu fukna bla ħsieb. — Chem aun nies imkarkin fi zmienna illi biex jaghmlu pħal l' oħraln imorru f' divertimenti fir-Randan u jonksu min dakkiet forsi ucoll mill ligijet tal Cnisia? Esempii mill' actar tal biza, li juruna il killa t'Alla fuk min ma jibzax minnu, nakrau u narau cull jum! Disgrazii, terremoti, ghaks u miseria, mard u gheld fil famiglii uma geijn min nukkas tal fidi u tal virtú fl' insara. Insara allerta!!

## IS-SEMPLICITA' EVANGELICA

Il virtù tas-templicità evangelica ìa it-tfulia nisrania li cull nisrani ghandu igib fiħ f' cull zmien ta ħajtu jech irid fil meut isib ruħu seuua.

Sidna Gesù Cristu mar ighallimħa dina il ħagia meta ħa fideiħ daca it-tfaijel ċcheichen u mar igheid: Tesseu, Tasseu jena neghdilcom, li jechi ntom ma isirux tixbħu lil dana ic-ccheichen tfaijel, ma titħlux fir-regnu tas-smeuuiet (Matt. 18.) Irid Sidna Gesù Cristu li aħna insiru nixbħu lit-trabi mux materialment, izda moralment; billi igifieri fil ghemil, fil cliem u 'l ħsebiet collha taghna ingibu dica il virtú li ìa ħagia senziali ta zaghzaħ, li ìa is-semplicità.

Ir-ruħ nisrania li iggib fia tasseu dina il virtù, pħala ħamiema tider u ìa tasseu, min ghair ħobi fil ghamil taħħa, u min ghair taħuid. Figha collox jakbel il feghmiet, il cliem, il ghemil, l' imgiba collha taħħa; ħagia

l'actar sabieħa li turi fir-ruħ ix-xebħ t'Alla l'imbierech, li ùa cbir ghas-semplicità tighu u 'l vera perfezioni.

Il perfezioni infatti ìa ħagia uaħda ma dina is-semplicità evangelica. Dana narauħ f' Giacob li l' is-Scittura imkadza issejjaħlu bniedem semplici (Gen. 25.) mentri fit-test lhudi jinghad: Giacob bniedem perfett. Igifieri Giacob chien bniedem perfett ghaliex chien semplici, billi chien jimxi dritt lein Alla l'imbierech, u biss f' collox ifittex lilu bis-sencerità collha u bit-talb collu tighu.

Fiz-zmenijet ta kerk, ta ħazen u ta impostura li fighom aħna ngheixu chem ìa rari dina il virtù fost l'in-sara, u ghalecch chem uma ftit il veri nsara seguaci ta Sidna Gesù Cristu ! Chem ghalech jenħtieg li aħna ulied ta S. Paul niftacru spiss f' edica it-tuissia sabieħa tighu, li igifieri f' seculu ħazin u mimli bil kerk inficciu neighxiu pħala ulied semplici t' Alla l' imbierech, min ghair ħad ma jista icianfarna, li 'l ghamil taghna ma iccorrispondix mal fidi, u mal ħsibiet taghna ! ( Phil. 2. )

Inficciu ghalech incunu semplici f' collox fil lbies, fil ħars, fl' imgiba; fil cliem, fil ghamil fil ħaija mux bis ma l' oħrain, izda ucoll maghna infusna ; billi nosservau li ligi mkadza t' Alla, u 'l precetti tal Cnisia, u tas-superiuri collha taghna min ghair ma nolghodu inħarsu leia dak li jinzlilna u ma jinzlilniex bein daca li nifmuħ u ma nifmuħx, bein daca li jidrilna li jenħtieg u li ma jidrilniex. Ingibu ruħna f' dana collu pħal ma igibu ruħom it-trabi bl' innocenza taħħom, li min xein ma jaħsbu ħazin u jerħu ruħom f' collox f' idein dauch li imexxughom.

Dina is-semplicità taghmilna gheziez lil Sidna Gesù Cristu, u tgheina sabiex igharrafna ħueijeg cbar, u jaghmel bina ħueijeg tal ghageb a gloria tighu. Izda fuk collox, fost it-taħbit u l' infelicità ta 'd-dinja, taghmilna

chif igheid S. Gregor Papa, l' eruieħ lactar ħenjin.
Ma 's-semplicità izda evangelica ghandna insieħbu il prudenza evangelica u min dina nitchelmu jecch Alla joghġbu darb' oħra. M. A. F.

## ARLOG LI IKASSAM ISSIGHAT LI FIGHOM GESU' CRISTU BATA IL PASSIONI U IL MEUT GHAL FIDUA TAGHNA.

*(arau in-numru ta kabel)*

Ora 10.

M. Xinù li chien ibati ghalina Sidna Gesù Cristu, fil ghaxra ta billeil ?

T. Chien mixħut kuddiem l' imħallef Anna, fein sofra it-taghir, id-dagha, u ircieva dich id-dakka ta ħarta min ìd armata bin guanta tal ħadid.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheit ecch: Gesú, tighi zeijni bil virìù tal pacenzia biex b' xi mod insir nixbeħ lilech.

Ora 11.

M. Xinú li chien ibati Sidna Gesù Cristu, fil ħdax ta billeil ?

T. Chien meħut min ghand Anna ghal ghand Caifas, fein sofra tant disprezzi, odiu u mibgheda li chellom leiħ il cbarat ta lhud, u sofra ic-ciaħda ta S. Pietru.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ecch: Gesù tighi atini il grazia li nistkar lilech deijem u il ligi santissima tighech bl' opri it-taiba

Ora 12. (nofs il-leil)

M. Xchien ibati ghalina Gesù Cristu fnofs il-leil ?

T. Chien ibati col xorta ta disprezzi, u avvelimenti, ghaliex mentri Caifas, u l' is-Scribi marru irpusau, Gesù marbut chif chien baka f' idein il manigoldi li ma ħalleuħx irposa mument.

M. U x' talba taghmel aun ?

T. Ingheid ecch: Gesù tighei atini il grazia li kad ma ninsa inservich u inħobboch.

Ora 1.

M. Xchien ibati ghalina Gesù Cristu, fis-sigha fuk nofs il-leil ?

T. Chien miħut fil cantina ta Caifas fein mil gdid

ircieva il ħartiet, il ponniet u id-dakkiet tar-riglein, u il bżiek fil uicc divin tighu ghal imħabbitna.

M. U x' talba tgheid aun?

T. Inghed ecch : Gesù tighi atini il grazia li leil, u nhar niftacar fich, u fit-tbatijet tighech biex kadt ma noffendich.

Ora 2.

M. Xchien ibati ghalina Gesù Cristu fis-saghtein fuk nofs il-leil?

T. Fl' istes cantina ta Caifas chien ibati issuat id-dagha, u tant cliem ħazin min dic icciorma vili tal lhud·

M. U x' talba taghmel aun?

T. Inghed ecch : Gesú tighi atini il grazia li kadt ma noffendi il proxxmu tighi b' ilsieni.

Ora 3.

M. Xchien ibati ghalina Sidna Gesù Cristu, fit-tlie ta ta bil-leil?

T. Chien mixħut floch mokzies, imdendel min xiuxtu fein bata tbatijet li ngharfhom fil giurnata tal giudiziu universali.

M. U x' talba taghmel aun?

T. Ingheid ecch : Gesù tighi atini il grazia li ingheix scont il kalb tighech biex icolli ix-xiorti fil giurnata tal giudiziu, li incun ma l' eletti f' il-lemenia tighech.

Ora 4.

M. Fl' erbgha ta fil ghodu ta sbiħ il gimgha xchien ibati ghalina Gesù Cristu?

T. Chien maħkur, u mil gdid immaltrattat u imsauuat min dich ic-ciorma vili ta suldati, u ta lhud.

M. U x' talba taghmel aun?

T. Ingheit ecch : Gesú tighei atini illi il granet, u is-sighat collha ta ħaiti icunu impiegati ghal gloria tighech.

*(tissocta).*

## ADAH

*(arau in numru ta kabel)*

Chienet ghodua ta 'x-xitua, izda sabiħa. Adah u Susanna il camriera chienu seirin passeggiata mal Belt ta Amsterdam, ma duar ix-xmaijar u il piazzi fein emm ġmiel lactar cbir, chif fl'Italia jinsab f'Venezia. Nies iz-tzerzak fuk is-silc, fuk dghajies ighannu u nies tid-deverti

fuk l' ilma ciar u sabieħ ! Collox divertimenti u festi... izda Adah tilmaħ tifel ta xi tnax il sena mterter bill bart, collu mċercer, maghlub u avvilit, joffri ghal beiħ is-sulfarini. Resak leiha u kalla : "Hu xi ftit sulfarini, ghaliex ghandi ommi marida u irrid nuasslila xi sold."—Adah ħennet ghalieħ u saksietu x' jismu. Ua uegiba:—Florino Junker, nokoghdu fein il bieb ta Arlem: emm ghandi l' ommi ueħida marida fis sodda ! Adah bdiet tgheid lill Susanna: Conna immorru narau il din il marida, imma nibza li il Papà jincorla mighi, ghaliex daun cattolici u ua ma iritc li naghmila ma min ma ux tar-religion taghna Mosaica. Susanna tbissmet titħak u kaltila: Meta katt ghajiat mighech il Papà tighech ? Jeech trid nistghu immorru.

U marrù ma Florino jarau l' ommu. Ecch chif daħlu, jarau camra mill' izied fkira, fuk zeug tuavel ta sodda jarau lill Clotilde omm Florino marida tisghol u muassla fi' aħħar ta marda tas-sider. Sibna, kalula, lill ibnech mirsuħ bill bard u gibnieħ id-dar biex jisħon." Jena, kaltilom, nibaghtu ibieħ xi ħagia, ghaliex bil fors, izda naf li Florinu ua tal ghakal u ma jatix uicc lill ħziena ! Uakt li chienu jitchelmu ma Clotilde, Adah tħares mal camra. U x' tara ? Emm statua tal Madonna, zgheira u kadima ; aun ħdein ras is-sodda Crocifiss cbir tal ghuda, mdaħħan u collu ghabra. Fuk il meida zeug cotba kodma, uieħed *Il palmizio spirituale u l'ieħor L' Imitazione di Cristo.* F' idein il marida il curuna b'is-salib taħħa ucoll; cull x' ħin it-tigha ix-xerka, Clotilde tghatti fomma bil lemenia, bill curuna mdaura ma erba suaba...Dan collu, bdiet tgheid Adah, dan collu ma igheitc ghal min ua tal ligi taghna ! U Clotilde, illi ma chienet taf u bakghed sa 'l meut ma tafx, illi Adah chienet ludia, Clotilde chienet siquit is semmi il Passioni ta Gesú Cristu, il pacenzia tal kaddisin u tant ħuejieg oħra tar-religion nisrania ; u min dakkiet titlob l' Alla u

lill Madonna is-sabar u tirringraziahom. Adah ħalletila xi ħagia tal flus u marret id-dar. Emm kalet lill missiera; illi ried ried jaf x'isima din il fkira, u chif sama il cognom... Juker ! kalila u ragia sichet. Izda ta permes lill bintu illi tmur cull meta trid u tatigha ucoll cull ma jaħtieg. Adah bdiet cull jum tmur ma Susanna ghand il marida, tieħu maħħa medicini, ichel u flus u titghallem bosta ħuejieg fuk ir-religion ta Gesù Cristu.

Intant fil ghaxia Adah chienet tieħu f' ideigh l' Iscrittura Sacra u tfittex il Profeti. Takra li il Messia Cristu chellu icun maktul, takra fuk l'Omm tighu xebba, takra fuk is Sacrificiu tal ligi il gdida, is-sib illi it-tempiu u 's-sacerdoti taħħom chellom jispicciau meta jider dan Cristu......U dich il pacenzia u dich il virtù ta Clotilde ! Eh ! Jena, bdiet tgheid Adah, jena f' kalbi nisrania cattolica ! Nemmen b' Gesú Cristu, nemmen b' Maria Vergini Ommu, nemmen cull ma jemmnu l'insara seuua !—Imma dan collu bil moħbi.

Clotilde intant mietet u ħadugha fi Cnisia zgheira fein saretila il kuddiesa u fil ghaxia ħadugha ghat-tfin. Adah uasslita sal kaber, imma imbaghad regghed marret f' dich il Cnisia titlob u tibchi. Diemet bosta fil cnisia sa chemm giè kassis biex jaghlak u lemaħħa tibchi ; mar ħdeigha u kalila : Binti, forsi trid tkerr ? U Adah ghamlitlu is signal li iva...u arau il-Ludia fil confissinariu titchellem ma dach is-sacerdot tal Ligi Cattolica ta Gesú Cristu ! . .

*(tissocta)*

## AHBARIET

Fl' Abissinia mietu bosta suldati taliani fl' ispedizioni tal guerra ta Massaua—Fl' Abissinia emm 12 il elf cattolicu, 10 Cnejies, 10 Sacerdoti tal Missioni u 18 kassisin. F'Keren emm Siminariu, emm dar ghat-tfal, mizmuma mis-Sorijet tal Carità u emm tlet schejiel Cat-

tolici; il Vicariu Apostolicu ua Mons. Fouvier.—Il Papa ried illi fl' Italia u fl ghzejier ta maduara is-sir cull sena il festa ta S. Caterina ta Genova. Aħna ilna naghmlugha, fit 22 ta Marzu. Din chienet chitbet ctieb fuk il *Purgatoriu* 20 sena kabel ma 'l Protestanti ciaħduħ. Tuieldet fil 1447 u mietet fil 1510 ta 63 sena, ghal 23 ghaddiet l' Avvent u 'r-Randan biss bit-tkarbin— Fl' 4 ta dan ix-xahar miet P. Bechx general tal Gesuiti, chellu 92 sena. Ragiel gharef u prudenti, mzejien bill virtù u b' umiltà u ħleuua li ma pħala!—Ghandna kuddiem ghaineina il *Bullettino Annuale* ta l' opera tas-Sacra Famiglia f' Betlem, l' Orfanotrofii u schejiel Cattolici tal Can. Belloni. Il gid li jaghmlu ua cbir. Emm 100 tifel iltim migbura, 35 minnòm jitghalmu xi sengha u l' oħrain zghar; 160 òħra jigiu biss l' iscola Emm lud u protestanti u tòroch li min dakkiet immòrru. fl' ischejiel ta din il missioni u jisua ghal gid ta ruħom; emm l' ischejiel ta billeil, tal biedia (agricultura). Nar ta ħatt jingiabru it-tfal ghand il Missionari u issir il Congreg tal Madonna. Jeħdu ħsieb ucoll ta dauch li iridu isiru Sacerdoti. U ecch Betlem, Beitgemal u Beitgiallaħ jarau dan il gid collu mil Cnisia Cattolica. F'Betlem kieghed isir sptar mil ħila ta daun il Missionari ucoll. L' isem tal Can. Belloni già stama mat-terra Santa colla ghal daun l' operi ta Carità. Nfaccru lill min jista, ighein lill din l' opera mkaddsa!

---

✝

Nitolbu lill imsieħbin li jiftacru fir-ruħ ta l'imsieħeb taghna *Salvu Darmanin*, miet ta 78 sena; miz-Zeitun.

*Requiem Æternam.*

---

BIS-SENSIA TAL CNISIA

*Id-Direzioni.*

Ghal min irid issieħeb } Fl'Istamperia ta G. Mifsud e Figlio Str. S Orsola N.187c
Ghan-naħħa l' oħra ghand is-Sur Lorenzo Dato